KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fis-6 ta' Frar 2025[1]

Kawża C-784/23

Voore Mets *et*

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 2009/147/KE – Artikolu 5 – Projbizzjonijiet tal-qtil intenzjonali, tal-qirda jew tal-ħsara intenzjonali tal-bejtiet u tal-bajd u t-tneħħija tal-bejtiet kif ukoll it-tfixkil intenzjonali tal-għasafar – Kunċett ta' 'intenzjoni' – Qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar – Artikolu 2 – Livell tal-ispeċi li jikkorrispondi b'mod partikolari ma' rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali – Artikolu 9 – Derogi mill-projbizzjonijiet – Prevenzjoni ta' ħsarat sostanzjali ta' foresti – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 16 – Libertà ta' intrapriża – Artikolu 17 – Dritt għall-proprjetà"

I. Introduzzjoni

1. Kemm id-Direttiva dwar l-għasafar[2] kif ukoll id-Direttiva dwar il-habitats[3] jeżiġu li l-Istati Membri jipprojbixxu ċerti impatti negattivi intenzjonali fuq l-ispeċi protetti, bħall-qtil ta' kampjuni. Fir-rigward tal-projbizzjonijiet previsti mid-Direttiva dwar il-habitats, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-kunċett ta' "intenzjoni" bħala li jinkludi l-impatti negattivi li *l-awtur tal-att ried jew, tal-inqas, aċċetta l-possibbiltà tagħhom*[4]. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "intenzjoni" tapplika wkoll, f'ċerti Stati Membri, għall-projbizzjonijiet previsti mid-Direttiva dwar

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7), fil-verżjoni tar-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġislazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU 2019, L 170, p. 115).

[3] Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193).

[4] Sentenzi tat-18 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2006:329, punt 71), tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Kyparissia) (C-504/14, EU:C:2016:847, punt 159), u tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 51).

l-għasafar[5]. Ir-Repubblika tal-Estonja tirrappreżenta tali interpretazzjoni wkoll fil-proċedura inkwistjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma kkonfermatx espressament din l-interpretazzjoni.

2. Madankollu, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Skydda Skogen, jiena diġà eżaminajt l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "intenzjoni" li jinsab fil-projbizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar u wissejt kontra t-traspożizzjoni kompleta tal-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-habitat għad-Direttiva dwar l-għasafar dwar dan il-punt[6]. Ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema, l-Estonja), issa qiegħda titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara din il-kwistjoni abbażi ta' tilwima dwar l-ammissibbiltà tal-qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar. Fil-każ ta' traspożizzjoni diretta tal-ġurisprudenza dwar id-Direttiva dwar il-habitats għad-Direttiva dwar l-għasafar, hija tistaqsi wkoll jekk deroga skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar tistax tippermetti xogħlijiet. Jekk ebda deroga ma hija applikabbli, hija tixtieq tkun taf jekk il-projbizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar hekk interpretati humiex kompatibbli mal-libertà ta' intrapriża u mad-dritt fundamentali għall-proprjetà.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Il-Konvenzjoni ta' Berna

3. Fid-dritt internazzjonali, hija qabel kollox il-Konvenzjoni ta' Berna dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa[7] li hija rilevanti. Il-Komunità Ekonomika Ewropea rratifikat din il-konvenzjoni fl-1982[8]. Fl-Estonja, il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1992[9].

4. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Berna jinkludi projbizzjonijiet fundamentali fil-qasam tar-regoli tal-protezzjoni tal-ispeċi:

"Kull parti kontraenti għandha tieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi xierqa u meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni speċjali tal-ispeċi tal-fawna ferjali kif speċifikati fl-Appendiċi II. Dan li ġej għandu partikolarment ikun ipprojbit għal dawn l-ispeċi:

(a) l-għamliet kollha ta' qbid deliberat u ta' żamma u ta' qtil deliberat;

(b) il-ħsara deliberata għal, jew il-qerda tas-siti tat-tgħammir jew tas-serħan;

(c) id-disturb deliberat tal-fawna selvaġġa partikolarment waqt il-perjodu tat-tnissil, it-tkabbir u tar-raqda tax-xitwa, sal-limitu li tali disturb ikollu sinifikat b'relazzjoni mal-għanijiet ta' din il-konvenzjoni;

[5] Ara l-Artikolu 44 tal-Bundesnaturschutzgesetzes Ġermaniż (l-Att Federali dwar il-Konservazzjoni tan-Natura), li jimplimenta l-projbizzjonijiet mingħajr il-karatteristika tal-intenzjoni, il-parir tal-Conseil d'État Franċiż (il-Kunsill tal-Istat) tad-9 ta' Diċembru 2022 (463563, FR:CESEC:2022:463563.20221209) dwar proġett tal-enerġija mir-riħ u d-digriet tal-Bundesverwaltungsgerichts Awstrijaka (il-Qorti Amministrattiva Federali) tal-15 ta' Frar 2024 (W104 2227635-1/149Z) dwar talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-131/24, VIRUS, dwar proġett ta' kostruzzjoni ta' toroq.

[6] Konklużjonijiet fil-Kawżi magħquda C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punti 79 sa 90.

[7] Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa miftuħa għall-firem fid-19 ta' Settembru 1979 f'Berna (ĠU 1982, L 38, p. 3).

[8] Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 14, p. 280, rettifika fil-ĠU 2018, L 311, p. 38).

[9] https://www.coe.int/en/web/conventions/cets-number-/-abridged-title-known?module=signatures-by-treaty&treatynum=104.

(d) il-qerda deliberata jew it-teħid ta' bajd mis-selvaġġ jew iż-żamma ta' dawk il-bajd anki jekk vojta b'mod deliberat;

(e) il-pussess ta', u l-kummerċ intern f'dawn l-annimali, ħajjin jew mejtin, inklużi l-annimali bbalzmati u xi parti rikonoxxibbli faċilment jew id-derivattivi tagħhom, meta dan ikun jikkontribwixxi għall-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. Fl-Artikolu 9(1) tal-imsemmija konvenzjoni huma previsti derogi:

"Kull parti kontraenti tista' tagħmel derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 4, 5, 6, 7 u mill-projbizzjoni tal-użu tal-mezzi msemmija fl-Artikolu 8 sa fejn ma jkun hemm l-ebda soluzzjonijiet sodisfaċenti oħrajn u li d-deroga ma tkunx detrimentali għas-sopravivenza tal-popolazzjoni kkonċernata:

– għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;

– għall-prevenzjoni ta' ħsara serja għall-uċuħ, il-qobla, il-foresti, il-ħut, l-ilma u l-għamliet l-oħrajn ta' proprjetà,

– fl-interess tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, is-sigurtà tal-ajru jew l-interessi pubbliċi l-oħrajn li jkollhom prijorità assoluta,

– għall-iskopijiet ta' riċerka u edukazzjoni, għall-popolazzjoni mill-ġdid, għall-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tnissil,

– sabiex jippermettu, permezz ta' kundizzjonijiet strettament taħt superviżjoni, fuq bażi selettiva u għall-estent limitat, it-teħid, iż-żamma jew l-esplojtazzjoni meqjusa oħra ta' ċerti annimali u pjanti selvaġġi fi kwantitajiet żgħar." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva dwar l-għasafar

6. Skont il-premessa 6 tad-Direttiva dwar l-għasafar, il-miżuri ta' protezzjoni għandhom jiġu adattati għas-sitwazzjoni ta' kull speċi ta' għasafar:

"Il-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom japplikaw għal fatturi varji li jistgħu jaffetwaw in-numru tal-għasafar, prinċipalment rigward ir-riperkussjonijiet tal-attivitajiet tal-bniedem u partikolarment il-qerda u t-tniġġis tal-ambjent naturali tagħhom, qbid u qtil mill-bniedem u l-kummerċ li jirriżulta minn din il-prattika. Is-strettezza ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjoni partikolari tal-ispeċi varji fil-qafas ta' politika tal-konservazzjoni."

7. Il-premessa 10 tad-Direttiva dwar l-għasafar teżiġi, b'mod partikolari, li ċerti speċi ta' għasafar jinżammu "f'livell sodisfaċenti":

"Minħabba l-livell għoli tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduzzjoni tagħhom fil-Komunità kollha, ċerti speċi jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa, li jikkostitwixxu sfruttar aċċetabbli. Għaldaqstant, ċerti limiti huma stabbiliti u rispettati, kaċċa bħal din għandha tkun kompatibbli mal-manteniment tal-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi f'livell sodisfaċenti."

8. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar l-għasafar jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha:

"Din id-Direttiva hija dwar il-konservazzjoni tal-ispeċi kollha tal-għasafar li jinsabu fin-natura fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat. Din tkopri l-protezzjoni, l-amministrazzjoni u l-kontroll ta' dawn l-ispeċi u tippreskrivi regoli għall-isfruttar tagħhom."

9. L-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar l-għasafar jinkludi l-obbligu bażiku tal-Istati Membri fir-rigward tal-konservazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iżommu jew jadattaw il-popolazzjoni tal-ispeċi kollha msemmija fl-Artikolu 1 fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li tittieħed kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet ekonomiċi u rekreazzjonali."

10. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar jipprevedi projbizzjonijiet indipendenti miż-żona:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 7 u 9, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ġenerali ta' protezzjoni għall-ispeċi kollha tal-għasafar imsemmija fl-Artikolu 1, li tipprojbixxi partikolarment:

(a) il-qtil u l-qabda intenzjonata bi kwalunkwe metodu;

(b) il-qerda, jew il-ħsara intenzjonata lill-bejtiet u l-bajd tagħhom jew it-tneħħija tal-bejtiet tagħhom;

(c) […];

(d) it-tfixkil intenzjonat ta' dawn l-għasafar partikolarment waqt il-perjodu tat-tgħammir u tkabbir, sakemm dan it-tfixkil jista jkun sinifikanti fil-kuntest tal-għanijiet ta' din id-Direttiva;

(e) […]"

11. Madankollu, l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-għasafar espressament jippermetti l-kaċċa ta' ċerti speċi ta' għasafar:

"1. Minħabba l-livell tal-popolazzjoni tagħhom, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rata tar-riproduttività fil-Komunità, l-ispeċi elenkati fl-Anness II jistgħu jkunu suġġetti għall-kaċċa skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-kaċċa ta' dawn l-ispeċi ma tfixkilx l-isforzi tal-konservazzjoni fiż-żona tad-distribuzzjoni tagħhom.

2. […]

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prattika tal-kaċċa, inkluż il-falkunerija jekk prattikata, kif prattikata bi qbil mal-miżuri nazzjonali fis-seħħ, tikkonforma mal-prinċipji tal-użu bil-għaqal u l-bilanċ ekoloġiku tal-kontroll tal-ispeċi tal-għasafar kkonċernati u li din il-prattika tkun kompatibbli għal dak li jirrigwarda l-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi, partikolarment l-ispeċi migratorji, mall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 2.

[…]"

12. L-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar jippermetti derogi mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5:

"1. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 8, fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) – fl-interess tas-saħħa u s-siġurtà tal-pubbliku;

– fl-interess tas-sigurtà tal-ajru,

– biex ikunu prevenuti l-ħsarat serji tal-uċuħ, tal-bhejjem, tal-foresti, tas-sajd u tal-ilma,

– għall-protezzjoni tal-flora u l-fawna;

(b) għal għanijiet tar-riċerka u t-tagħlim, tar-ripopolazzjoni, l-introduzzjoni mill-ġdid u għat-tagħmir neċessarju għal dawn l-għanijiet;

(c) biex jippermettu, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u fuq bażijiet selettivi, il-qabda, iż-żamma jew l-użi oħra meqjusa ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.

2. Id-derogi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw:

(a) l-ispeċi li huma suġġetti għad-derogi;

(b) il-mezzi, l-arranġamenti jew il-metodi awtorizzati għall-qabda jew il-qtil;

(c) il-kondizzjonjiet tar-riskju u ċ-ċirkostanzi taż-żmien u l-post skont liema derogi bħal dawn jistgħu jingħataw;

(d) l-awtorità li jkollha s-setgħa li tiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa jkunu sodisfatti u li tiddeċidi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jkunu użati, f'liema limiti u minn min;

(e) il-kontrolli li se jkunu magħmula."

2. Id-Direttiva dwar il-habitats

13. L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-habitats jeżiġi l-istabbiliment ta' ċerti projbizzjonijiet:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta' ħarsien strett ta' l-ispeċi ta' l-annimali msemmija fl-Anness IV (a) fil-firxa naturali tagħhom, u li jipprojbixxu:

(a) l-forom kollha ta' qbid volontarju jew qtil ta' kampjuni minn dawn l-ispeċi fis-selvaġġ;

(b) tfixkil volontarju ta' dawn l-ispeċi, speċjalment waqt il-perjodu tat-tgħammir, tkabbir, ibernazzjoni u migrazzjoni;

(ċ) qerda volontarja jew teħid tal-bajd mis-selvaġġ;

(d) deterjorazzjoni jew qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ.

2. […]"

14. L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-habitats jinkludi d-derogi għall-Artikolu 12:

"Sakemm ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti u d-deroga mhix ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 12, 13, 14 u15 (a) u (b):

(a) fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-habitat naturali;

(b) biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuh tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà;

(ċ) fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju ta' l-akbar importanza għall-ambjent;

(d) għall-għan tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċi u għall-ħidmiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti;

(e) biex ikun jista' jsir, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti."

C. Id-dritt Estonjan

15. L-Estonja ttrasponiet id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva dwar l-għasafar permezz tal-Looduskaitseseadus (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura) (iktar 'il quddiem il-"LKS"). Skont il-punt 1 tal-Artikolu 55(6^1) tal-LKS, il-qerda intenzjonali u l-ħsara lill-bejtiet u l-bajd jew it-tneħħija ta' bejtiet hija pprojbita u skont il-punt 2 ta' dan il-paragrafu, it-tfixkil intenzjonali tal-għasafar, speċjalment matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija, huwa pprojbit.

Il-punt 4 tal-Artikolu 55(3) u l-Artikolu 55(6[1]) tal-LKS jawtorizzaw il-qtil ta' kampjuni ta' speċi ta' annimali ta' ċerti kategoriji ta' protezzjoni, fosthom l-għasafar, kif ukoll it-tfixkil ta' għasafar jew il-ħsara lill-bejtiet u l-bajd tagħhom f'każijiet eċċezzjonali, jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara lill-uċuħ tar-raba' agrikoli importanti, il-bhejjem, il-fish farms jew assi importanti oħra.

III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

16. It-talba għal deċiżjoni preliminari toriġina mir-rikorsi ppreżentati minn żewġ impriżi, OÜ Voore Mets u AS Lemeks Põlva, li lilhom il-Keskkonnaamet (l-Uffiċċju għall-Ambjent) kien ipprojbixxa l-qtugħ tas-siġar f'ċerti biċċiet ta' art forestali matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar.

17. Voore Mets kellha l-intenzjoni li twettaq tqaċċit totali tas-siġar skont il-komunikazzjoni forestali, jiġifieri qtugħ tas-siġar li, bħala prinċipju, matul is-sena, is-siġar kollha jitqaċċtu miż-żona ta' art forestali, bl-eċċezzjoni tas-siġar taż-żerriegħa u s-siġar ta' riżerva meħtieġa sabiex tiġi żgurata d-diversità tal-flora u l-fawna. Lemeks Põlva kellha l-intenzjoni wkoll li twettaq prinċipalment tqaċċit totali tas-siġar, kif ukoll qtugħ tas-siġar tal-kenn f'żona waħda. Qtugħ tas-siġar tal-kenn għandu l-għan li jżid il-valur ekonomiku tal-foresta, li jirregola d-densità u l-kompożizzjoni tagħha, kif ukoll jippermetti l-użu tal-injam tas-siġar li ser jaqgħu fil-futur qrib. Għal dan l-għan, tinqata' biss parti mis-siġar li tikkorrispondi għall-kwantità stabbilita permezz ta' ordni tal-ministru kompetenti.

18. Fiż-żewġ każijiet, l-Uffiċċju għall-Ambjent, inizjalment, ipprojbixxa provviżorjament ix-xogħlijiet fix-xahar ta' Mejju 2021, minħabba li kien xjentifikament ipprovat li, f'kull foresta, mill-inqas, ġewwa kull ettaru par għasafar kien jirriproduċi, b'tali mod li t-tkomplija tal-qtugħ tas-siġar kienet tirriskja b'mod reali li tfixkel ir-riproduzzjoni u t-trobbija tal-għasafar u li teqred jew tagħmel ħsara lill-bejtiet. Wara żjarat fuq il-post, huwa ordna s-sospensjoni tal-qtugħ tas-siġar sal-15 (lil Lemeks Põlva) u sal-31 ta' Lulju 2021 (lil Voore Mets)

19. Fuq l-art maħduma minn Lemeks Põlva, huwa ċert li t-tektieka (*Dendrocopos major*, sinonimu: *Picoides major*) u l-isponsun (*Fringilla coelebs*), probabbilment il-fjorentin (*Parus major*) u s-sultan taċ-ċawl (*Garrulus glandarius*) kif ukoll possibbilment il-vjolin tax-xitwa (*Phylloscopus collybita*), il-vjolin ħadrani (*Phylloscopus sibilatrix*), il-bekkafik (*Sylvia borin*), il-bumistur ewrasjatiku (*Troglodytes troglodytes*), iż-żiemel (*Prunella modularis*) u l-pitirross (*Erithacus rubecula*) irriproduċew.

20. Fuq l-art ta' Voore Mets ġew osservati wkoll għasafar li probabbilment kienu għamlu l-bejta tagħhom f'din iż-żona, jiġifieri l-vjolin ħadrani, il-bumistur ewrasjatiku, il-malvizz iswed (*Turdus merula*), il-malvizz (*Turdus philomelos*) u l-isponsun. Barra minn hekk, ġew identifikati żewġ tifqisiet ta' flieles probabbli: f'kavità ta' tektieka, instabet bejta tal-bulewż (*Sitta europaea*) u ġiet osservata l-attività ta' par bugeddum (*Pyrrhula pyrrhula*). Fuq l-art ikkonċernata, hemm ħafna siġar vojta li fihom l-għasafar jistgħu jbejtu, li, madankollu, dan ma ġiex osservat matul iż-żjara fuq il-post. Il-qtugħ tas-siġar ġie sospiż fil-31 ta' Lulju 2021 sabiex tiġi żgurata wkoll il-protezzjoni ta' għasafar li jfaqqsu tard, bħall-vjolin ħadrani, il-vjolin pastard (*Phylloscopus trochilus*) kif ukoll iż-żanżarell sidru aħmar (*Ficedula parva*) li probabbilment huma preżenti hemmhekk ukoll.

21. Għalhekk, Voore Mets ippreżentat rikors għall-kumpens tad-dannu ta' EUR 2 403.52, filwaqt li Lemeks Põlva ppreżentat rikors intiż sabiex tiġi kkonstatata l-illegalità tal-ordnijiet tal-Uffiċċju għall-Ambjent.

22. Fl-ewwel istanza, il-qorti amministrattiva rispettiva qieset it-tieni ordni, jiġifieri s-sospensjoni tal-qtugħ tas-siġar sal-15 u l-31 ta' Lulju 2021, bħala sproporzjonata, iżda fit-tieni istanza r-rikorsi ġew miċħuda fl-intier tagħhom

23. Miż-żewġ proċeduri, hemm bħalissa appell ta' kassazzjoni pendenti quddiem ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema), li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], jista' jiġi interpretat fis-sens li l-projbizzjonijiet li huwa jipprevedi japplikaw biss sa fejn dan ikun neċessarju sabiex il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati tinżamm f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rekreazzjonali, peress li l-qtil jew it-tfixkil tal-għasafar jew il-qerda jew il-ħsara fil-bejtiet jew il-bajd tagħhom ma huwiex għan tal-azzjoni?

2) L-Artikolu 5(a), (b) u(d) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-atti pprojbiti skont dawn id-dispożizzjonijiet huma intenzjonali matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar, b'mod partikolari meta, abbażi ta' data xjentifika u tal-osservazzjoni ta' għasafar individwali, jista' jitqies li, f'foresta li għandha tkun imnaddfa kompletament (tqaċċit totali tas-siġar), madwar għaxar pari ta' għasafar għal kull ettaru qed ibejtu, mingħajr ma ġie kkonstatat li kampjuni ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli qed ibejtu fiż-żona li ser titqaċċat?

3) L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-atti pprojbiti skont dawn id-dispożizzjonijiet huma intenzjonali matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar, b'mod partikolari meta, abbażi ta' data xjentifika u tal-osservazzjoni ta' għasafar individwali, jista' jitqies li, f'foresta li fiha parti biss mis-siġar ser jitqaċċtu (qtugħ tas-siġar tal-kenn), madwar għaxar pari ta' għasafar għal kull ettaru qed ibejtu, mingħajr ma jkun hemm raġuni li wieħed jaħseb li kampjuni ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli qed ibejtu fiż-żona li ser titqaċċat?

4) It-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-imsemmija direttiva, sabiex tippermetti t-twettiq tat-tqaċċit totali tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija?

5) It-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva [dwar l-għasafar], moqri flimkien mal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, jista' jiġi interpretat fis-sens li huwa konformi mal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti deroga mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(a), (b) u (d) tal-imsemmija direttiva, sabiex tippermetti t-twettiq tal-qtugħ tas-siġar tal-kenn matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija?

6) Jekk id-Direttiva [dwar l-għasafar] ma tawtorizzax it-twettiq tat-tqaċċit totali tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija, tali sistema hija konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tapplika anki jekk il-qtugħ ma jippreġudikax l-ispeċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli?

7) Jekk id-Direttiva [dwar l-għasafar] ma tawtorizzax it-twettiq tal-qtugħ tas-siġar tal-kenn matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv lill-qasam tal-forestrija, tali sistema hija konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tapplika anki jekk il-qtugħ ma jippreġudikax l-ispeċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli?"

24. OÜ Voore Mets, AS Lemeks Põlva, l-Estonja, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u dehru fis-seduta li saret fil-11 ta' Diċembru 2024.

IV. Evalwazzjoni legali

25. L-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar jeżiġi li l-Istati Membri jipprojbixxu l-qtil jew it-tfixkil tal-għasafar, kif ukoll il-qerda jew il-ħsara tal-bejtiet u tal-bajd, meta dawn jitwettqu "intenzjonalment". Il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta projbizzjonijiet simili li jinsabu fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats fis-sens li jkopru wkoll l-impatti negattivi li l-awtur tal-att ma għandux bħala għan, iżda jaċċetta l-possibbiltà tagħhom [10].

26. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija għalhekk intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk il-qtugħ tas-siġar fil-kuntest tal-ġestjoni tal-foresti jaqax taħt il-projbizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, minkejja li ma jsegwix l-għan li jaffettwa l-għasafar (ara, f'dan ir-rigward taħt A). Jekk il-projbizzjonijiet huma applikabbli, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) tistaqsi jekk id-derogi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar jistgħux jawtorizzaw ix-xogħlijiet (ara, f'dan ir-rigward taħt B) u jekk id-drittijiet fundamentali jipprekludux il-projbizzjonijiet (ara, f'dan ir-rigward taħt C). Madankollu, qabel kollox għandha ssir osservazzjoni dwar l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

27. Fil-fatt, Voore Mets u Lemeks Põlva jqisu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli minħabba li l-qorti tar-rinviju tista' tiddeċiedi l-kawża fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Skydda Skogen [11]. Madankollu, talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fuq id-domandi inkwistjoni [12]. Huwa għalhekk li proposti għal deċiżjoni f'konklużjonijiet ma jistgħux, *a fortiori*, jikkontestaw l-ammissibbiltà ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

[10] Sentenzi tat-18 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2006:329, punt 71), tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Kyparissia) (C-504/14, EU:C:2016:847, punt 159), u tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 51).

[11] Konklużjonijiet fil-Kawżi magħquda C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699.

[12] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799, punt 37).

A. L-ewwel sat-tielet domanda – Interpretazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar

28. Il-punt tat-tluq tal-ewwel tliet domandi hija l-ġurisprudenza ċċitata fil-bidu tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats, li tgħid li l-projbizzjonijiet ta' impatt negattiv intenzjonali fuq l-ispeċi protetti jkopru wkoll l-impatti negattivi li l-awtur tal-att jaċċetta l-possibbiltà tagħhom. Jekk wieħed jittrasponi din il-ġurisprudenza fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar, din id-dispożizzjoni tista' tipprekludi, b'mod partikolari matul il-perijodu ta' riproduzzjoni, il-qtugħ tas-siġar fis-settur forestali.

29. Fil-fatt, kif jesponi r-Riigikohus (il-Qorti Suprema) b'mod konvinċenti, "ma jista' jkun hemm ebda dubju raġonevoli li tqaċċit totali tas-siġar li jseħħ matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar jikkawża ċertament xi ftit jew wisq il-qerda tal-bejtiet u l-bajd, il-mewt tal-għasafar żgħar li għadhom kif faqqsu u t-tfixkil tal-għasafar jekk ikun hemm raġuni biex wieħed jassumi li l-għasafar qegħdin ibejtu f'numru sinjifikattiv fuq żona ta' art forestali. Jekk waqt it-tqaċċit totali tas-siġar, b'mod inkonxju jew konxju, tinqata' siġra tat-tbejjit, dan iwassal inevitabbilment għall-qerda tal-bejta. Anki jekk is-siġra tat-tbejjit ma tinqatax, l-għasafar li jbejtu huma pperikolati mhux biss mill-istorbju iżda wkoll mit-telf tal-habitat attwali tagħhom". L-Estonja tikkorrobora din l-evalwazzjoni abbażi ta' studji xjentifiċi u tesponi li anki l-qtugħ tas-siġar tal-kenn jista' jkollu effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-għasafar li jbejtu, peress li jeżisti riskju li l-għasafar, minħabba s-sempliċi tfixkil, ma jersqux lejn il-bejtiet tagħhom għal tul ta' ħin, jew saħansitra jabbandunawhom.

30. L-ewwel domanda hija għalhekk ibbażata fuq l-ipoteżi li, fir-rigward tal-qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni, wieħed ma għandux bħala għan, iżda jaċċetta l-possibbiltà, li għandu impatt negattiv fuq l-għasafar u li dawn l-impatti negattivi għandhom, bħala prinċipju, jiġu pprojbiti skont l-Artikolu 5(a), (b) u (d) tad-Direttiva dwar l-għasafar. Abbażi ta' din il-premessa, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) jistaqsi jekk il-portata tal-projbizzjonijiet hijiex tant limitata li dawn japplikaw biss sa fejn huma neċessarji sabiex l-ispeċi kkonċernati jinżammu f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali, fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva. It-tieni domanda tippreċiża dan f'dak li jirrigwarda t-tqaċċit totali tas-siġar u t-tielet waħda fir-rigward tal-qtugħ tas-siġar tal-kenn, peress li r-Riigikohus (il-Qorti Suprema) jippreżumi, fiż-żewġ każijiet, li ebda kampjun ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat ta' konservazzjoni sfavorevoli ma jbejjet fiż-żona kkonċernata.

31. Ir-risposta għal dawn id-domandi tiddependi mill-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "intenzjoni" li huwa marbut mal-impatti negattivi li għandhom jiġu pprojbiti skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar. Hemm indizji li jindikaw li dawn il-projbizzjonijiet huma intiżi sabiex ikopru l-impatti negattivi li l-awtur tal-att sempliċement jaċċetta bħala possibbiltà (ara, f'dan ir-rigward, taħt 1). Madankollu, hemm raġunijiet sodi sabiex din l-interpretazzjoni tiġi miċħuda (ara, f'dan ir-rigward, taħt 2). Huwa għalhekk li diġà argumentajt favur ir-restrizzjoni ta' din l-interpretazzjoni msemmija mir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) (ara, f'dan ir-rigward, taħt 3). Il-limitazzjoni tal-projbizzjonijiet li nipproponi hija inkluża, tal-inqas, fit-test tal-projbizzjoni ta' tfixkil (ara, f'dan ir-rigward, taħt 4). L-iżviluppi li seħħew fil-frattemp ma jikkontestawx essenzjalment il-fehma tiegħi (ara, f'dan ir-rigward, taħt 5). Fl-aħħar mill-aħħar, għandu jsir ukoll kumment dwar il-motivazzjoni xjentifika tal-konstatazzjonijiet neċessarji (ara, f'dan ir-rigward, taħt 6).

1. Indizji ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar

32. L-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni sostnuta mill-Kummissjoni u, b'restrizzjonijiet, mill-Estonja tista' tkun ibbażata fuq il-ġurisprudenza dwar id-Direttiva dwar il-habitats, peress li s-sistema ta' protezzjoni tad-Direttiva dwar l-għasafar għandha tiġi interpretata, bħala prinċipju, b'mod simili [13]. Kif diġà indikajt, l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats jipprevedi projbizzjonijiet simili ta' impatti negattivi intenzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-intenzjoni hija ssodisfatta meta jiġi stabbilit li l-awtur tal-att ried jew, *tal-inqas, aċċetta l-possibbiltà* tal-qtil ta' kampjun ta' speċi ta' annimal protett [14] u t-tfixkil ta' din l-ispeċi jew il-qerda tal-bajd tagħhom [15].

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ttrasponiet b'mod impliċitu din il-ġurisprudenza għad-Direttiva dwar l-għasafar fis-sentenza dwar il-foresta ta' Białowieża. Din il-kawża kienet tikkonċerna l-qtugħ u t-tneħħija tas-siġar li sofrew ħsara, mejta jew li qegħdin imutu, li fiha ġie identifikat pjan ta' ġestjoni taż-żona ta' protezzjoni kkonċernata bħala perikolu potenzjali għal ċerti speċi ta' għasafar li huma partikolarment protetti fiha [16]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat din il-miżura bħala qerda jew ħsara intenzjonali lill-bejtiet u l-bajd kif ukoll bħala t-tneħħija tal-bejtiet (Artikolu 5(b) tad-Direttiva dwar l-għasafar) u bħala tfixkil intenzjonali, b'mod partikolari matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u tkabbir (Artikolu 5(d)) [17], minkejja li dawn l-impatti negattivi ma kinux l-għan tal-miżuri.

34. Skont il-Kummissjoni, l-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni tista' tkun ibbażata wkoll fuq il-Konvenzjoni ta' Berna, li l-Unjoni timplimenta permezz tad-Direttiva dwar l-għasafar [18] u għalhekk għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tagħha [19]. Din il-konvenzjoni tipprevedi, fl-Artikolu 6 tagħha, projbizzjonijiet simili għal dawk tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar u tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats, li jkopru wkoll impatti negattivi intenzjonali [20]. Il-Kumitat Permanenti ta' din il-konvenzjoni ddeċieda li l-ħsara jew il-qerda intenzjonali taż-żoni tar-riproduzzjoni jew tal-postijiet ta' mistrieħ għandhom jinkludu wkoll atti li ma twettqux bl-intenzjoni li ssirilhom ħsara jew li jinqerdu, iżda bl-għarfien li dan x'aktarx jirriżulta mill-att [21].

[13] Sentenza tat-23 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (Kaċċa fir-Rebbiegħa għall-Edredun Raġel) (C-217/19, EU:C:2020:291, punt 84).

[14] Sentenzi tat-18 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2006:329, punt 71), u tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (Kyparissia) (C-504/14, EU:C:2016:847, punt 159).

[15] Sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 51).

[16] Sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punti 253 u 254).

[17] Sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 259).

[18] Rapport dwar il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (1997-1998) (Artikolu 9(2)) (ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea), SEC(2001) 515 final.

[19] Fuq il-ftehimiet internazzjonali oħra, ara s-sentenzi tal-24 ta' Novembru 1992, Poulsen u Diva Navigation (C-286/90, EU:C:1992:453, punt 9), tat-3 ta' Settembru 2008, Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 291), tal-21 ta' Diċembru 2011, Air Transport Association of America *et* (C-366/10, EU:C:2011:864, punt 123), u tal-11 ta' Lulju 2018, Bosphorus Queen Shipping (C-15/17, EU:C:2018:557, punt 44).

[20] Iż-żewġ verżjonijiet lingwistiċi awtentiċi jużaw it-termini "intentionelle" (bil-Franċiż) u "deliberate" (bl-Ingliż). Għall-kuntrarju, it-traduzzjoni Ġermaniża mhux vinkolanti tuża kemm it-terminu ta' intenzjoni (Artikolu 6(a)) kif ukoll – fil-fehma tiegħi b'mod żbaljat – it-terminu "mutwillig" (intenzjonali) (Artikolu 6(b), (c) u (d)).

[21] Paragrafu 3(b) tar-Riżoluzzjoni Nru 1 (1989) tad-9 ta' Ġunju 1989. Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2005:777, punt 39).

35. Konsegwentement, il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw fi Stati Membri differenti għall-impatti negattivi fuq l-għasafar li ma humiex l-għan tal-attività inkwistjoni, iżda li huma aċċettati bħala possibbiltà [22].

2. Raġunijiet għal interpretazzjoni iktar restrittiva tal-kunċett ta' intenzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar

36. Madankollu, fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Skydda Skogen [23], wissejt kontra t-traspożizzjoni mingħajr restrizzjoni tal-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar. Ċertament, fis-sentenza li ssegwi l-konklużjonijiet tiegħi, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq dan il-punt, iżda, f'dan ir-rigward, indirizzat esklużivament l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats [24]. Madankollu, din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija bbażata fuq dawn il-konklużjonijiet u ż-żewġ impriżi kkonċernati fil-kawżi prinċipali jipproponu li jiġu segwiti.

37. L-opinjoni tiegħi hija essenzjalment ibbażata fuq il-fatt li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ikollha effetti li jmorru ferm lil hinn minn dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats (ara, f'dan ir-rigward, il-punt a). Ir-regola ta' projbizzjoni hekk mifhuma lanqas ma hija neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar (ara, f'dan ir-rigward, il-punt b). Għaldaqstant, dan iwassal għal kontradizzjonijiet strutturali fis-sistema tad-Direttiva dwar l-għasafar (ara, f'dan ir-rigward, il-punt c).

a) Konsegwenzi tal-interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni

38. Il-protezzjoni tal-ispeċi permezz tad-Direttiva dwar il-habitats hija limitata għal numru żgħir ta' speċi, li ġeneralment [25] ikunu rari ħafna. Peress li dawn l-ispeċi huma rari, huwa neċessarju li jiġi protett strettament kull wieħed mill-kampjuni, kundizzjoni li l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats jesprimi b'mod ċar permezz tal-kunċett tas-*sistema ta' protezzjoni stretta* [26]. Fl-istess waqt, ir-rarità ta' dawn l-ispeċi madankollu timplika wkoll li kunflitti fir-rigward tagħhom ma humiex frekwenti ħafna [27].

39. B'kuntrast ma' dan, il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw għall-għasafar Ewropej *kollha*, jiġifieri anki għall-ispeċi komuni, li l-preżenza tagħhom hija kważi kullimkien. Huwa wkoll diffiċli li jiġi affermat li impatti negattivi fuq dawn l-ispeċi ma tiġix aċċettata mis-soċjetajiet moderni. Pjuttost, huwa magħruf li jinħolqu riskji sinjifikattivi għal tali speċi [28] minħabba diversi attivitajiet tal-bniedem, bħall-kostruzzjoni ta' bini [29] jew it-traffiku fit-toroq [30]. Voore Mets tenfasizza wkoll it-telf li jġarrbu l-qtates domestiċi u l-agrikoltura.

[22] Ara r-referenzi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

[23] Konklużjonijiet fil-Kawżi magħquda C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punti 79 sa 90.

[24] Sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punt 48).

[25] Möckel, S., "35 Jahre Europäische Vogelschutzrichtlinie", *Natur und Recht* 2014, p. 381 (387), jirreferi, madankollu, ġustament għall-friefet il-lejl mifruxa ħafna, li l-ispeċi kollha tagħhom huma suġġetti għall-protezzjoni stretta tad-Direttiva dwar il-habitats.

[26] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2005:777, punt 50).

[27] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 80).

[28] Ara, pereżempju, Machtans, C., Wedeles, C., u Bayne, E., "A first estimate for Canada of the number of birds killed by colliding with building Windows", *Avian Conservation and Ecology* 8.2 (2013), p. 5.

[29] Ara, pereżempju, Slater, F. M., "An assessment of wildlife road Casualties-the potenzal discrepancy between numbers counted and numbers killed", *Web Ecology* 3.1 (2002), p. 33.

[30] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 81).

40. Jekk il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar diġà japplikaw mingħajr restrizzjoni fil-każ fejn tali impatti negattivi huma sempliċement aċċettati, minn dan jirriżultaw kunflitti sinjifikattivi mad-drittijiet fundamentali li r-Riigikohus (il-Qorti Suprema) isemmi fis-sitt u fis-seba' domanda [31].

b) Neċessità tas-sistema ta' projbizzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar

41. Il-leġiżlatur għalhekk diġà ppreċiża, waqt l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-għasafar, li din ma hijiex intiża sabiex tipproteġi b'mod inkundizzjonat kull għasfur individwali. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva, il-popolazzjonijiet tal-ispeċi ta' għasafar għandhom jinżammu jew jinġiebu fil-livell li jikkorrispondi partikolarment għall-ħtiġiet ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet ekonomiċi u rikreazzjonali [32]. Ċertament, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward, bla ħsara għal regoli speċifiċi [33]. Madankollu, il-premessi 3, 5, 7 u 8 tad-Direttiva u, fuq kollox, il-premessa 10 tagħha juru li dan il-kunċett għandu jinftiehem bħala "livell suffiċjenti" [34] tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi kollha tal-għasafar selvaġġi [35]. Minkejja r-rekwiżiti kulturali, ekonomiċi u rikreazzjonali, il-livell ta' speċi jista' jkun "suffiċjenti" biss jekk jiżgura ż-żamma tal-popolazzjonijiet fil-firxa naturali tagħhom [36].

42. Madankollu, in-natura suffiċjenti tal-konservazzjoni tal-ispeċi komuni ġeneralment ma teħtieġx projbizzjonijiet li japplikaw meta impatt negattiv jiġi sempliċement aċċettat. Anki jekk jiġi preżunt li ċerti speċi jiddependu fuq tali projbizzjonijiet, dan ma japplikax għall-ispeċi komuni li huma daqstant frekwenti preċiżament għaliex l-attivitajiet umani ma jipperikolawx is-sopravivenza tagħhom, tal-inqas sal-lum [37].

43. Meta l-popolazzjonijiet ta' ċerti speċi iktar frekwenti jonqsu minkejja dan, jibda jkun ta' spiss iktar importanti li l-habitats tagħhom jiġu kkonservati u amministrati b'mod xieraq. Fil-fatt, tali tnaqqis ġeneralment jirriżulta minn bidliet fl-użu mill-bniedem ta' dawn il-habitats. Id-Direttiva dwar l-għasafar diġà tinkludi din l-idea, peress li l-Artikolu 3 jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipproteġu l-habitat tal-ispeċi kollha tal-għasafar [38]. L-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar ir-restawr [39] issa jispeċifika dan l-obbligu.

44. Għall-kuntrarju, il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar huma intiżi prinċipalment sabiex jipproteġu kampjuni individwali u l-iktar l-iktar għandhom l-effett li indirettament jipproteġu l-habitats. Il-fatt li jiġu applikati l-projbizzjonijiet previsti fiha sa minn

[31] Ara iktar 'il quddiem l-punt 92 *et seq*..

[32] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 82).

[33] Ara s-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (247/85, EU:C:1987:339, punt 8) u Il-Kummissjoni vs L-Italja (262/85, EU:C:1987:340, punt 8), kif ukoll tad-19 ta' Jannar 1994, Association pour la protection des animaux sauvages *et* (C-435/92, EU:C:1994:10, punt 20).

[34] Ara s-sentenzi tas-27 ta' April 1988, Il-Kummissjoni vs Franza (252/85, EU:C:1988:202, punt 28), tas-16 ta' Ottubru 2003, Ligue pour la protection des oiseaux sauvages *et* (C-182/02, EU:C:2003:558, punt 17), u tat-23 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (Kaċċa fir-Rebbiegħa għall-Edredun Raġel) (C-217/19, EU:C:2020:291, punt 68), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża WWF Italia *et* (C-60/05, EU:C:2006:116, punt 50) u l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-418/04, EU:C:2006:569, punti 111 u 112).

[35] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 97).

[36] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Eesti Suurkisjad (C-629/23, EU:C:2024:1029, punti 70 sa 83).

[37] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 83).

[38] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Willow grouse) (C-117/00, EU:C:2002:366, punt 15 *et seq*.).

[39] Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024).

meta jiġu aċċettati dawn l-impatti negattivi msemmija f'din id-dispożizzjoni, ikun ħafna drabi inqas xieraq li jiġu kkonservati dawn il-habitats u għaldaqstant, dan lanqas ma huwa l-mezz l-inqas restrittiv[40].

45. Konsegwentement, kuntrarjament għall-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ma jeżiġix sistema ta' protezzjoni stretta, iżda regola ġenerali intiża sabiex tipproteġi l-għasafar Ewropej kollha. Skont il-premessa 6 tad-Direttiva dwar l-għasafar, din għandha tiġi adattata għas-sitwazzjoni ta' speċi ta' għasafar individwali.

c) Kontradizzjonijiet strutturali fis-sistema tad-Direttiva dwar l-għasafar

46. Dan huwa akkumpanjat minn differenza kunċettwali oħra bejn is-sistemi ta' protezzjoni previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar u fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats. Peress li l-Artikolu 5 japplika għall-ispeċi kollha ta' għasafar Ewropej, ma teżisti l-ebda possibbiltà li ċerti speċi jiġu esklużi totalment minn din ir-regola ta' protezzjoni. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar il-habitats jippermetti li jiġi emendat l-Anness IV tagħha, li jelenka l-ispeċi protetti skont l-Artikolu 12.

47. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni wiesgħa mingħajr restrizzjoni tal-kunċett ta' intenzjoni u tal-protezzjoni stretta tal-għasafar Ewropej li tirriżulta minnha twassal għal kontradizzjoni ta' evalwazzjoni fi ħdan id-Direttiva dwar l-għasafar. Fil-fatt, l-Artikolu 7 jawtorizza, b'deroga mill-projbizzjonijiet tal-qtil u tal-qbid ta' għasafar, il-kaċċa ta' ċerti speċi ta' għasafar elenkati fl-Anness II li huma barra minn hekk suġġetti għall-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5. Madankollu, ma narax għalfejn l-impatt negattiv immirat fuq dawn l-ispeċi permezz tal-kaċċa, jiġifieri, essenzjalment, attività ta' rikreazzjoni ta' importanza ekonomika żgħira ħafna, għandu jiġi pprivileġġat meta mqabbel mal-attivitajiet tal-bniedem l-oħra kollha li għalihom ma humiex intenzjonati impatti negattivi fuq dawn l-ispeċi, iżda l-possibbiltà tagħhom hija sempliċement aċċettata. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li dawn l-attivitajiet l-oħra huma parzjalment ta' importanza essenzjali għas-soċjetà tagħna. Wieħed jaħseb biss fil-kostruzzjoni ta' toroq, bini jew turbini eoliċi.

48. Bl-istess mod, id-deroga prevista fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar tista' tikkoreġi l-interpretazzjoni wiesgħa mingħajr limitu tal-Artikolu 5 biss b'mod limitat ħafna, billi tibbilanċja l-interessi involuti. Filwaqt li l-Artikolu 16(1)(c) tad-Direttiva dwar il-habitats jippermetti derogi għal numru kbir ta' raġunijiet ta' interess pubbliku li jieħu preċedenza, id-derogi previsti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar l-għasafar huma fformulati b'mod ħafna iktar speċifiku.

49. Kif juru r-raba' u l-ħames domanda tar-Riigikohus (il-Qorti Suprema), ċertament ma huwiex totalment eskluż li l-isfruttament ekonomiku tal-foresti jaqa', tal-inqas, taħt it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar, li jawtorizza miżuri intiżi sabiex tiġi evitata ħsara serja lill-foresti. Madankollu, tali interpretazzjoni diffiċilment tista' tiġi rrikonċiljata mal-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li, bħala eċċezzjoni, l-Artikolu 9 għandu, bħala prinċipju, jiġi interpretat b'mod strett[41].

[40] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 84).

[41] Ara dwar dan iktar 'il quddiem, il-punti 77 *et seq*..

50. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni sadanittant iddeċieda li l-proġetti għall-użu ta' enerġija rinnovabbli jservu s-saħħa u s-sigurtà pubblika fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar [42]. Huwa ċar li tali proġetti huma ta' interess pubbliku kbir, iżda, anki jekk il-kunċetti ta' "saħħa pubblika" u ta' "sigurtà pubblika" jiġu interpretati b'mod ġeneruż, dawn diffiċilment jistgħu jkunu marbuta ma' dawn l-għanijiet. Dan l-intervent leġiżlattiv jenfasizza għalhekk li d-derogi tal-Artikolu 9 huma fformulati b'mod restrittiv wisq sabiex jagħtu lok suffiċjenti għal interessi pubbliċi importanti.

3. Interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fundamentali tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar

51. Għar-raġunijiet kollha li għadni kif esponejt, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tittrasponi mingħajr restrizzjoni l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' intenzjoni mogħtija fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-habitats għall-kunċett ta' intenzjoni li jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar [43].

52. Madankollu, il-konstatazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq fis-sentenza dwar il-foresta ta' Białowieża [44] jipprekludu li l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar jiġu estiżi biss għall-impatti negattivi fuq l-għasafar intenzjonali. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja fiha wriet li jista' jkun hemm każijiet li fihom hija tapplika wkoll din id-dispożizzjoni għall-impatti negattivi li l-awtur tal-att sempliċement jaċċetta l-possibbiltà tagħhom. Din l-applikazzjoni hija xierqa meta jkunu involuti speċi rari jew mhedda. Fir-rigward ta' dawn l-ispeċi, il-projbizzjonijiet fil-prattika jibqgħu limitati fil-portata tagħhom, peress li rarament japplikaw. Fl-istess ħin, dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinjifikattiv għall-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċi [45].

53. Bilanċ ġust li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, bejn l-attivitajiet ikkonċernati u l-għanijiet tad-Direttiva jinkludi l-inklużjoni tal-impatti negattivi aċċettati f'dawn il-projbizzjonijiet biss sa fejn dan huwa neċessarju fid-dawl tal-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar l-għasafar. Għaldaqstant, għandu jiġi ammess li din l-interpretazzjoni hija iktar ikkumplikata fl-applikazzjoni, peress li timplika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi ta' għasafar. Fi kwalunkwe każ, hija tikkorrispondi finalment għall-applikazzjoni wiesgħa tal-projbizzjonijiet li jinsabu fl-imsemmija sentenza dwar il-foresta ta' Białowieża, peress li din tikkonċerna speċi ta' għasafar rari ħafna f'żona indikata għall-protezzjoni speċifika tagħhom [46].

54. Din l-interpretazzjoni tneħħi wkoll il-kontradizzjoni ta' evalwazzjoni msemmija mal-leġiżlazzjoni dwar il-kaċċa [47]. Fil-fatt, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva dwar l-għasafar, il-kaċċa hija awtorizzata biss abbażi tal-livell tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati, il-firxa

[42] Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2577 tat-22 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi qafas biex jitħaffef il-varar tal-enerġija rinnovabbli (ĠU 2022, L 335, p. 36), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/223 tat-22 ta' Diċembru 2023 (ĠU L, 2024/223, 10.1.2024) u l-Artikolu 16f tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU 2018, L 328, p. 82, rettifiki fil-ĠU 2020, L 311, p. 11, fil-ĠU 2021, L 224, p. 42, u fil-ĠU 2022, L 41, p. 37), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, rettifika fil-ĠU L, 2025/90026, 10.1.2025).

[43] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 87).

[44] Ara l-punt 33 iktar 'il fuq.

[45] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 88).

[46] Sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 18).

[47] Ara l-punt 47 iktar 'il fuq.

ġeografika tagħhom u r-rata ta' riproduzzjoni tal-ispeċi kkonċernati. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(4) jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li l-kaċċa tkun konformi mal-Artikolu 2. Għaldaqstant, dawn ma humiex speċi rari li jeħtieġu protezzjoni fid-dawl ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-projbizzjonijiet ta' impatt negattiv intenzjonali.

55. Għaldaqstant, il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar jikkonċernaw biss impatt negattiv li l-awtur sempliċement jaċċetta l-possibbiltà tiegħu jekk dan jikkonċerna speċi ta' għasafar partikolarment rari jew mhedda. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet hija neċessarja sabiex, fis-sens tal-Artikolu 2, l-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati jinżammu jew jinġiebu, għal livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali [48].

4. Fuq il-projbizzjoni ta' tfixkil prevista fl-Artikolu 5(d) tad-Direttiva dwar l-għasafar

56. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' impatt negattiv intenzjonali li għadu kif ġie żviluppat jipprekludi qabel kollox applikazzjoni eċċessiva tal-projbizzjonijiet ta' qtil intenzjonali kif ukoll ta' qerda jew ta' ħsara intenzjonali tal-bejtiet u l-bajd tagħhom skont l-Artikolu 5(a) u (b) tad-Direttiva dwar l-għasafar.

57. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-projbizzjoni ta' tfixkil intenzjonali prevista fl-Artikolu 5(d) tad-Direttiva dwar l-għasafar, tali limitazzjoni hija diġà espressament prevista fil-formulazzjoni tiegħu. Skont din id-dispożizzjoni, il-projbizzjoni ta' tfixkil tal-ispeċi ta' għasafar, b'mod partikolari matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija, tapplika (biss) sa fejn dan it-tfixkil ikollu effett sinjifikattiv fuq l-għanijiet tad-Direttiva. Għaldaqstant, it-tfixkil għandu jiġi pprojbit biss jekk ikollu effett sinjifikattiv fuq l-għan li l-popolazzjonijiet tal-ispeċi tal-għasafar jinżammu jew jinġiebu f'dan il-livell u, għaldaqstant, b'mod partikolari jekk dan jaffettwa l-għasafar rari jew mhedda waqt ir-riproduzzjoni jew it-trobbija [49].

58. Wieħed jista' jislet argument *a contrario* minn din id-dispożizzjoni peress li ma hijiex espressa limitazzjoni f'dan is-sens f'dak li jirrigwarda l-projbizzjonijiet l-oħra. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrifjutat li tapplika l-projbizzjonijiet fl-intier tagħhom, inklużi għalhekk il-projbizzjonijiet ta' impatti negattivi intenzjonali fuq l-ispeċi ta' għasafar mhedda biss [50].

59. Madankollu, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar proposta fil-kawża ineżami ma hijiex intiża sabiex teskludi ċerti speċi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jew sabiex tnaqqas il-portata tal-projbizzjonijiet għall-ispeċi kollha. Għall-kuntrarju, il-projbizzjonijiet ta' impatt negattiv intenzjonali għandhom jibbenefikaw mingħajr restrizzjoni lill-ispeċi kollha.

60. Għall-kuntrarju, il-proposta ta' interpretazzjoni tiegħi tirriproduċi t-tfakkira tal-għanijiet tad-Direttiva dwar l-għasafar, li tinsab fil-projbizzjoni ta' tfixkil. Hija intiża li tevita kull limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali li ma hijiex neċessarja għal dawn l-għanijiet. Dan ikun f'riskju jekk il-projbizzjonijiet jiġu estiżi mingħajr ebda restrizzjoni għal impatti negattivi fuq l-għasafar li ma humiex intenzjonali, iżda sempliċement aċċettati, minkejja li tali applikazzjoni ma hijiex neċessarja għall-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati.

[48] Il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punt 90).

[49] Għal iktar dettalji, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Föreningen Skydda Skogen *et* (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2020:699, punti 96 sa 100).

[50] Sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Föreningen Skydda Skogen (C-473/19 u C-474/19, EU:C:2021:166, punti 36 u 44).

5. Żviluppi reċenti

61. Sa mill-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Skydda Skogen, kien hemm żviluppi oħra li madankollu ma jwasslux għal evalwazzjoni ġdida tas-sitwazzjoni legali.

62. Sentenza sussegwenti mogħtija fil-kuntest ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra l-Polonja tista' tinftiehem fis-sens ta' traspożizzjoni tal-kunċett ta' intenzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar. Il-Qorti tal-Ġustizzja ttenni l-konstatazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' intenzjoni li jinsab fl-Artikolu 12 u sussegwentement tikkonstata ksur taż-żewġ dispożizzjonijiet[51]. Iżda din il-konstatazzjoni tista' tkun limitata wkoll għall-fatt li d-deroga wiesgħa tad-dritt nazzjonali għall-projbizzjonijiet li għandhom jiġu adottati abbażi taż-żewġ dispożizzjonijiet tikkostitwixxi ksur, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-kunċett ta' intenzjoni huwiex issodisfatt jew le. Fil-fatt, id-deroga nazzjonali kienet tapplika għal kull "ġestjoni tal-foresti eżegwita konformement mar-rekwiżiti ta' prattika tajba fil-qasam ta' ġestjoni tal-foresti"[52] u għalhekk kienet ukoll potenzjalment tippermetti impatti negattivi intenzjonali fuq l-għasafar.

63. Huwa iktar importanti li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta jadotta regoli intiżi li jiffaċilitaw l-awtorizzazzjoni ta' proġetti ta' użu ta' enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija eolika, jidher ukoll li huwa bbażat fuq paralleliżmu bejn l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-habitats u l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar u, għaldaqstant, b'mod partikolari fuq trasferiment tal-kunċett ta' intenzjoni. Diġà semmejt il-preżunzjoni li dawn il-proġetti jservu għas-saħħa u għas-sigurtà pubbliċi fis-sens tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar[53]. Hija tinkludi preżunzjoni addizzjonali li tali proġetti jaqgħu taħt interess pubbliku superjuri, fis-sens tal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-habitats, kif ukoll eżenzjonijiet oħra sabiex jiġġustifikaw miżuri li jiksru l-projbizzjonijiet ta' protezzjoni tal-ispeċi. Barra minn hekk, tali proġetti huma, taħt ċerti kundizzjonijiet, eżentati mir-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-ispeċi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar[54]. Il-premessa 37 tad-Direttiva 2023/2413 tispjega din ir-regola tal-aħħar bil-fatt li l-qtil jew it-tfixkil okkażjonali tal-għasafar minn installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli ma għandhomx jitqiesu bħala intenzjonali meta jittieħdu u jiġu mmonitorjati miżuri preventivi xierqa.

64. Madankollu, dawn ir-regoli kumplessi ħafna ma jkunux neċessarji jekk il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ikunu intiżi biss għal atti li għandhom l-għan li jkollhom impatt negattiv fuq l-għasafar. Il-proġetti għall-użu tal-enerġija rinnovabbli jistgħu jipperikolaw l-għasafar, iżda l-għan tagħhom ma huwiex tali riskju, iżda minħabba fihom, l-iktar l-iktar din il-possibbiltà hija aċċettata.

65. Madankollu, l-importanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet lanqas ma għandha tiġi eżaġerata. F'dik is-sentenza, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma ddeċidiex espressament li l-kunċett ta' intenzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar huwa diġà ssodisfatt meta l-impatti negattivi pprojbiti jiġu sempliċement aċċettati. Għall-kuntrarju, ir-regoli l-ġodda huma l-ewwel u qabel kollox tweġiba għall-*biża*' li l-protezzjoni tal-ispeċi, abbażi ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni, tista' b'mod eċċessiv tostakola l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli.

[51] Sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Ġestjoni u Prattika Tajba tal-Foresti) (C-432/21, EU:C:2023:139, punti 77 sa 79).

[52] Ara r-riproduzzjoni tal-Artikolu 14b(3) tal-Att Pollakk dwar il-Foresti fis-sentenza tat-2 ta' Marzu 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Ġestjoni u Prattika Tajba tal-Foresti) (C-432/21, EU:C:2023:139, punt 15).

[53] Ara l-punt 50 iktar 'il fuq.

[54] Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2022/2577 (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42) kif ukoll l-Artikolu 15c(1), l-Artikolu 15e(2) u (4) kif ukoll l-Artikolu 16a(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2023/2413 (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42).

66. Barra minn hekk, id-derogi maħluqa ġodda jibqgħalhom kamp ta' applikazzjoni jekk, kif nipproponi, l-applikazzjoni tal-kunċett wiesgħa ta' intenzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-għasafar tiddependi mill-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi. Fil-fatt, tal-inqas fir-rigward tal-ispeċi mhedda, il-projbizzjonijiet japplikaw ukoll, bla ħsara għal regoli speċjali applikabbli għall-enerġija rinnovabbli, meta l-impatt negattiv jiġi sempliċement aċċettat.

67. Għaldaqstant, l-iżviluppi li seħħew fil-frattemp ma jipprekludux interpretazzjoni tal-kunċett ta' intenzjoni fis-sens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar li skontu impatt negattiv li l-awtur tal-att jaċċetta l-possibbiltà tiegħu huwa pprojbit biss jekk jikkonċerna speċi ta' għasafar partikolarment rari jew mhedda.

6. Ġustifikazzjoni xjentifika tal-konstatazzjonijiet meħtieġa

68. It-tieni u t-tielet domanda jirrigwardaw, fost l-oħrajn, il-mod li bih għandha tiġi kkonstatata t-theddida li l-miżura inkwistjoni toħloq għall-għasafar. Għandu jiġi ddeterminat jekk huwiex biżżejjed, sabiex il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw għall-qtugħ tas-siġar, li jiġi preżunt, abbażi ta' data xjentifika u tal-osservazzjoni ta' għasafar individwali, li fil-foresta inkwistjoni jbejtu madwar għaxar pari ta' għasafar għal kull ettaru, mingħajr ma jkun hemm raġuni li wieħed jassumi li fiż-żona tal-qtugħ tas-siġar ibejtu kampjuni ta' speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli.

69. Skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar proposta hawnhekk u l-informazzjoni pprovduta dwar il-preżenza tal-għasafar ikkonċernati, jidher improbabbli li din il-parti tad-domandi tkun neċessarja għas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali.

70. Għalhekk huwa biss għall-finijiet ta' kompletezza li għandu jiġi osservat li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-konstatazzjonijiet neċessarji sabiex jiddeterminaw jekk il-projbizzjonijiet jipprekludux attività abbażi tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli [55].

71. Dan jimplika b'mod partikolari li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw, abbażi ta' din l-informazzjoni [56], il-"livell suffiċjenti" tal-ispeċi kkonċernata li għandu jiġi żgurat. Madankollu, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll studji xjentifiċi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk speċi partikolari għandhiex tiġi protetta fil-kuntest ta' ċerti attivitajiet, meta l-impatti negattivi jiġu sempliċement aċċettati.

72. Peress li l-Anness I tad-Direttiva dwar l-għasafar huwa intiż, skont l-Artikolu 4(1) tiegħu, sabiex jelenka speċi partikolarment rari jew partikolarment mhedda, il-fatt li tali speċi tkun affettwata mir-riskju aċċettat jikkostitwixxi indizju tan-neċessità li jiġu applikati l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5. Madankollu, tali indizju jista' jiġi invalidat abbażi tal-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li ż-żanżarell sidru aħmar imsemmi fil-kuntest tad-digriet fir-rigward ta' Voore Mets ma jeħtieġx, tal-inqas fl-Estonja, protezzjoni partikolari, kif sostniet Voore Mets waqt is-seduta billi invokat il-kriterji tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura u tar-Riżorsi Naturali (IUCN), minkejja li huwa inkluż fl-Anness I.

[55] Ara s-sentenzi tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Foresta ta' Białowieża) (C-441/17, EU:C:2018:255, punt 113), tas-17 ta' Marzu 2021, One Voice u Ligue pour la protection des oiseaux (C-900/19, EU:C:2021:211, punt 30), u tad-29 ta' Lulju 2024, ASCEL (C-436/22, EU:C:2024:656, punti 65 u 74).

[56] Ara l-punt 41 iktar 'il fuq.

73. Dawn l-obbligi ta' verifika jaqgħu fuq l-Istati Membri. Għall-kuntrarju, l-individwi ma jistgħux jintalbu li jorjentaw b'mod sħiħ l-aġir tagħhom fuq l-aħjar informazzjoni xjentifika dwar il-protezzjoni tal-għasafar. Pjuttost, huma jistgħu jassumu li, bħala prinċipju, huma jistgħu jeżerċitaw attivitajiet permessi, sakemm huma juru d-diliġenza meħtieġa għal dan l-għan. Madankollu, anki l-individwi għandhom josservaw twissijiet u istruzzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti abbażi tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' riskji inkompatibbli mal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar [57].

74. Is-sistema ta' kontroll tal-qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni, kif ipprattikat skont l-informazzjoni pprovduta mill-Estonja, tidher li taqbel ma' dan l-approċċ. Inizjalment, wara li rriżulta li l-popolazzjonijiet ta' għasafar f'dan l-Istat Membru kienu naqsu, b'mod partikolari f'popolazzjonijiet forestali antiki, l-Uffiċċju għall-Ambjent, abbażi tat-tipi ta' habitats u tal-età ta' kull popolazzjoni, iddetermina r-riskji għall-għasafar u qasam, fuq din il-bażi, iż-żoni forestali kollha fi tliet klassijiet ta' riskju. Huwa ppubblika din l-informazzjoni fuq l-internet sabiex is-sidien tal-foresti jkunu jistgħu jikkunsidrawha fl-ippjanar tagħhom. Fi stadju sussegwenti, wara n-notifika tal-qtugħ tas-siġar, l-Uffiċċju għall-Ambjent jeżamina s-sitwazzjoni fuq il-post u jipprojbixxi x-xogħlijiet meta dawn jinvolvu riskji partikolari għall-għasafar. Waqt is-seduta, l-Estonja spjegat li, fuq din il-bażi, wara 2 500 żjara ta' verifika, 32 każ ta' qtugħ ta' siġar ġew ipprojbiti fl-2023.

7. Konklużjoni intermedja

75. Fil-qosor, għandu għalhekk jiġi kkonstatat, li l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar jinkludu impatt negattiv biss li l-awtur tal-att jaċċetta l-possibbiltà tiegħu jekk dan jikkonċerna speċi ta' għasafar partikolarment rari jew, fid-dawl tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli, partikolarment mhedda. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet hija neċessarja sabiex l-ispeċi ta' għasafar ikkonċernata tinżamm jew tinġieb, fis-sens tal-Artikolu 2, f'livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali.

76. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jingħad ukoll li, skont l-Artikolu 193 TFUE u l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar l-għasafar, l-Istati Membri huma naturalment liberi li jadottaw miżuri iktar stretti sabiex jipproteġu l-għasafar [58].

B. Ir-raba' u l-ħames domanda – Ġustifikazzjoni tad-derogi taħt l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar abbażi tal-proprjetà

77. Permezz tar-raba' u tal-ħames domanda tagħha, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) tistaqsi jekk it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tagħha, jippermettix derogi mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 fir-rigward tat-tqaċċit totali tas-siġar jew tal-qtugħ tas-siġar tal-kenn sabiex jiġi evitat dannu sinjifikattiv għall-proprjetà tal-artijiet forestali.

78. Dawn id-domandi huma manifestament magħmula fil-każ li l-qtugħ tas-siġar ippjanat fil-kawżi prinċipali jaqa' taħt il-projbizzjonijiet ta' qtil intenzjonali ta' għasafar skont l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar, ta' qerda jew ta' ħsara intenzjonali tal-bejtiet

[57] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Spanja (Lontra) (C-221/04, EU:C:2005:777, punt 52).

[58] Ara s-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura (C-2/10, EU:C:2011:502, punti 49 u 50).

fis-sens tal-Artikolu 5(b) u ta' tfixkil intenzjonali tal-għasafar imsemmi fl-Artikolu 5(d). Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 li qed nipproponi hawnhekk, l-applikazzjoni ta' dawn il-projbizzjonijiet abbażi tal-informazzjoni disponibbli dwar l-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati tidher improbabbli, b'tali mod li ma jkunx neċessarju li tingħata risposta għal dawn id-domandi.

79. Għall-kuntrarju, l-argument tal-Kummissjoni li d-domandi huma ipotetiċi minħabba li Voore Mets u Lemeks Põlva ma talbux deroga mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ma huwiex konvinċenti. Fil-fatt, id-dritt nazzjonali jiddetermina jekk tali talba kinitx neċessarja jew jekk l-awtorità pubblika kellhiex teżamina *ex officio* l-possibbiltà ta' deroga.

80. Fi kwalunkwe każ, huwa utli li tiġi eżaminata l-applikabbiltà tad-deroga. Fil-fatt, jidher li din ftit li xejn hija ta' natura li tevita l-konsegwenzi irraġonevoli ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' intenzjoni.

81. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà spjegat li, għalkemm l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar jippermetti deroga wiesgħa mis-sistema ġenerali ta' protezzjoni, huwa jipprevedi biss applikazzjoni konkreta u mmirata sabiex jiġu ssodisfatti rekwiżiti preċiżi u sitwazzjonijiet speċifiċi [59]. Hija ddeċidiet ukoll li, bħala eċċezzjoni, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett u li l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għandu, għal kull deroga, jaqa' fuq l-awtorità li tieħu d-deċiżjoni dwarha [60].

82. Ir-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikolu 9(2), enfasizzati mill-Estonja, jenfasizzaw in-natura eċċezzjonali ta' deroga. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, id-deroga għandha b'mod partikolari tipprovdi indikazzjonijiet dwar l-ispeċi ta' għasafar ikkonċernati u dwar iċ-ċirkustanzi iktar iddettaljati li fihom deroga hija possibbli. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti l-kontrolli meħtieġa u korp awtorizzat li jiddikjara li l-kundizzjonijiet meħtieġa huma ssodisfatti u li jiddeċiedi liema mezzi, arranġamenti jew metodi jistgħu jintużaw, f'liema kuntest u minn min.

83. Anki jekk jitqies li fl-Estonja jeżistu l-kundizzjonijiet legali neċessarji sabiex tingħata deroga mill-qtugħ tas-siġar, it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar jippermetti lil dan l-Istat Membru li jidderoga mill-Artikolu 5 sabiex jipprevjeni ħsara serja lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, liż-żoni tas-sajd u lill-ilmijiet, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm soluzzjoni sodisfaċenti oħra.

84. Il-protezzjoni tal-foresti ma hijiex marbuta biss mal-habitat tal-foresti u mal-funzjonijiet ekoloġiċi tiegħu, iżda tinkludi l-valur tiegħu bħala assi ekonomiku. Fil-fatt, it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar jawtorizza wkoll miżuri intiżi sabiex jipproteġu l-uċuħ tar-raba', il-bhejjem u ż-żoni tas-sajd. Dawn l-oġġetti protetti ma humiex ta' natura primarjament ekoloġika, iżda huma kkaratterizzati mill-isfruttament ekonomiku tagħhom.

85. Kif tesponi ġustament ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema), il-funzjoni ekonomika tal-protezzjoni tal-foresti tidher b'mod iktar ċar fil-Konvenzjoni ta' Berna. It-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tal-Konvenzjoni jippermetti derogi mill-projbizzjonijiet intiżi sabiex jipprevjenu ħsara serja

[59] Sentenzi tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (247/85, EU:C:1987:339, punt 7), tas-7 ta' Marzu 1996, Associazione Italiana per il WWF *et* (C-118/94, EU:C:1996:86, punt 21), u tal-11 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-164/09, EU:C:2010:672, punt 28).

[60] Sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punt 34), u tat-23 ta' April 2020, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (Kaċċa fir-Rebbiegħa għall-Edredun Raġel) (C-217/19, EU:C:2020:291, punt 66).

lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd, lill-ilmijiet u lil *proprjetà oħra*. Għalhekk, fil-Konvenzjoni, il-protezzjoni tal-foresta hija biss eżempju ta' protezzjoni tal-proprjetà. Bħala parti integrali tal-proprjetà, il-foresta għandha qabelxejn funzjoni ekonomika.

86. Għall-kuntrarju, il-protezzjoni tal-foresta bħala habitat huwa meqjus bħala l-iskop primarju ta' protezzjoni taħt ir-raba' inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar, li jawtorizza derogi mill-protezzjoni tal-flora u tal-fawna.

87. Madankollu, it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar ma huwiex intiż sabiex direttament jippermetti jew jippromwovi l-isfruttament ekonomiku tal-imsemmija assi protetti, inklużi għalhekk il-foresti. Għall-kuntrarju, huma awtorizzati miżuri intiżi sabiex jipprevjenu ħsara serja, li għalhekk għandhom jilħqu ċertu livell [61]. Lemeks Põlva tiċċita, bħala eżempju, infezzjoni kkawżati mill-ħanfusa tal-ambrożja.

88. B'kuntrast ma' dan, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-interess tal-impriżi kkonċernati li jaqtgħu s-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni jinsab prinċipalment fil-possibbiltà li jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod effikaċi wkoll matul dan il-perijodu. Madankollu, il-konsegwenzi ta' limitazzjoni *ratione temporis* tal-isfruttament ekonomiku ta' foresta jew ta' miżuri ta' manutenzjoni mhux urġenti, bħall-qtugħ tas-siġar tal-kenn, bilkemm jistgħu jitqiesu, skont interpretazzjoni stretta ta' din id-dispożizzjoni, bħala ħsarat sinjifikattivi għall-foresta.

89. Anki f'termini ta' daqs, id-dannu ta' EUR 2 403.52 invokat minn Voore Mets jinsab f'qafas trasparenti ħafna. Konsegwentement, jekk dan l-interess huwa leġittimu, dan ma jistax jipprevali awtomatikament fuq il-protezzjoni tal-għasafar. Fil-fatt, fil-kawża ineżami, kważi kull restrizzjoni fuq l-isfruttament ekonomiku tal-assi protetti msemmija fit-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar tikkostitwixxi preġudizzju suffiċjenti sabiex wieħed jibbenefika mid-deroga. Id-deroga għalhekk issir ir-regola.

90. Barra minn hekk, deroga skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar hija ammissibbli biss jekk ma jkunx hemm soluzzjoni sodisfaċenti oħra. Madankollu, il-qtugħ tas-siġar inkwistjoni jista' wkoll isir barra mill-perijodu ta' riproduzzjoni. Huwa allegat li preċiżament il-qtugħ tas-siġar fix-xitwa huwa saħansitra partikolarment vantaġġuż. Is-Staatsforste des Freistaats Bayern (l-Uffiċċju tal-Foresti tal-Istat Ħieles ta' Bayern, il-Ġermanja) isemmi bħala raġunijiet għal din il-protezzjoni l-protezzjoni tal-ħamrija, proporzjon iktar baxx ta' ilma tal-injam, riskju inqas ta' infestazzjoni minn insetti jew fungi kif ukoll is-sigurtà tax-xogħol fil-foresta tal-weraq wesgħin, peress li l-ebda weraq ma jipprekludi l-vista tal-għalla tal-għasafar [62]. U jekk jiġi organizzat il-ħsad tal-injam b'tali mod li stokk suffiċjenti jinħasad fix-xitwa sabiex tiġi ssodisfatta d-domanda fis-sena ta' wara, lanqas ma huwa neċessarju, kuntrarjament għal dak li jsostnu ż-żewġ impriżi, li jiġi importat injam matul is-sajf.

91. Madankollu, interpretazzjoni ħafna iktar ġeneruża tal-kundizzjonijiet ta' deroga tkun meħtieġa jekk il-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw ukoll fil-każ li jiġi aċċettat l-impatt negattiv fuq l-ispeċi li ma jeħtiġux tali protezzjoni. Fil-fatt, l-interess leġittimu fil-protezzjoni ta' dawn l-għasafar mill-imsemmija projbizzjonijiet huwa dgħajjef ħafna, filwaqt li l-kawżi prinċipali juru li r-restrizzjonijiet huma tal-inqas sensittivi għall-impriżi kkonċernati.

[61] Sentenza tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (247/85, EU:C:1987:339, punt 56).

[62] Bayerische Staatsforste, Je kälter und trockener, desto besser, https://www.baysf.de/de/medienraum/themenspecials/forstwirtschaft-im-winterwald.html.

C. Is-sitta u s-seba' domanda – Kompatibbiltà tar-regolament ta' projbizzjoni mad-drittijiet fundamentali

92. Fil-każ li, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-għasafar, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar ma jippermettix tqaċċit totali tas-siġar jew qtugħ tas-siġar tal-kenn matul il-perijodu ta' riproduzzjoni u ta' trobbija tal-għasafar, minkejja li l-qtugħ tal-injam ma jaffettwax speċi ta' għasafar li jinsabu fi stat sfavorevoli, ir-Riigikohus (il-Qorti Suprema) tixtieq tkun taf jekk tali leġiżlazzjoni hijiex konformi mal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn id-drittijiet fundamentali jipproteġu l-libertà ta' intrapriża u l-proprjetà.

93. Skont il-formulazzjoni stess tad-domandi, ma huwiex neċessarju li tingħata risposta għal dawn id-domandi jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar [63] proposta hawnhekk jew, fin-nuqqas ta' dan, tinterpreta b'mod ġeneruż it-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva dwar l-għasafar [64].

94. Madankollu, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkonstata li l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar japplikaw għall-ispeċi kollha ta' għasafar Ewropej meta l-impatt negattiv ikun sempliċement aċċettat, u li, fl-istess ħin, id-deroga prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) ma tippermettix il-qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar, tqum effettivament il-kwistjoni dwar jekk dawn ir-regoli humiex kompatibbli mal-imsemmija drittijiet fundamentali. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, din hija determinanti għas-soluzzjoni tal-kawża.

95. Fil-fatt, il-projbizzjoni tal-qtugħ tas-siġar matul il-perijodu ta' riproduzzjoni tal-għasafar tirrestrinġi kemm il-libertà ta' intrapriża kif ukoll l-użu tal-proprjetà fuq il-foresta kkonċernata. Voore Mets u Lemeks Põlva jsostnu wkoll li, minħabba dawn ir-restrizzjonijiet, huma għandhom temporanjament ikeċċu parti mill-ħaddiema tagħhom.

96. Ċertament, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jaċċetta restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti minnha, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' oħrajn. Għaldaqstant, dawn ir-restrizzjonijiet ma għandhomx, fid-dawl tal-għan imfittex, iwasslu għal intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet fundamentali kkonċernati [65].

[63] Ara l-punt 75 iktar 'il fuq.

[64] Ara l-punt 91 iktar 'il fuq.

[65] Sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1979, Hauer (44/79, EU:C:1979:290, punt 23), tal-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match (C-210/03, EU:C:2004:802, punt 72), tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising vs Il-Kummissjoni u BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 70).

97. Il-protezzjoni tal-ambjent [66] u għalhekk ukoll il-protezzjoni tal-għasafar [67] hija f'dan is-sens għanijiet ta' interess ġenerali. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-għasafar selvaġġi jagħmlu parti mill-patrimonju komuni tal-Istati Membri [68].

98. Madankollu, huwa dubjuż kemm il-protezzjoni tal-għasafar tista' effettivament tiġġustifika r-restrizzjoni tal-imsemmija drittijiet fundamentali permezz ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar u permezz ta' interpretazzjoni stretta tad-derogi previsti fl-Artikolu 9.

99. Ċertament, din l-interpretazzjoni tkun adattata għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-għasafar. Lanqas ma hemm indikazzjonijiet ta' miżuri inqas restrittivi li jippermettu li jintlaħaq livell simili ta' protezzjoni.

100. Madankollu, il-livell ta' protezzjoni hekk milħuq huwa ogħla mill-għan imfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-għasafar. Fil-fatt, skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar l-għasafar, l-Istati Membri huma obbligati jġibu u jżommu l-ispeċi ta' għasafar f'livell biss jekk, fid-dawl tar-rekwiżiti ekonomiċi u rikreattivi, jissodisfaw ir-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali.

101. Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li d-drittijiet fundamentali jiġu ristretti bl-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-għasafar għal speċi li jinsabu f'dan il-livell anki fl-assenza ta' dawn il-projbizzjonijiet. Għaldaqstant, din ir-restrizzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata mill-għan tad-Direttiva dwar l-għasafar. Għall-kuntrarju, din tiġi evitata bl-interpretazzjoni konformi mad-drittijiet fundamentali li nipproponi.

V. Konklużjoni

102. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-talba għal deċiżjoni preliminari kif ġej:

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi jkopru impatt negattiv biss mill-awtur tal-att jekk dan ikun jikkonċerna speċi ta' għasafar partikolarment rari jew, fid-dawl tal-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli, partikolarment mhedda. Fil-fatt, f'dan il-każ, l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet hija neċessarja sabiex l-ispeċi ta' għasafar ikkonċernata tinżamm jew tinġieb għal livell li jikkorrispondi b'mod partikolari għar-rekwiżiti ekoloġiċi, xjentifiċi u kulturali, fis-sens tal-Artikolu 2 tal-imsemmija direttiva, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti ekonomiċi u rikreazzjonali.

[66] Sentenzi tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 114), tat-13 ta' Frar 2014, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-530/11, EU:C:2014:67, punt 70), u tas-27 ta' Jannar 2022, Sātiņi-S (C-234/20, EU:C:2022:56, punti 64 u 65).

[67] Sentenza tat-8 ta' Settembru 2022, Ministerstvo životního prostředí (Pappagalli Makawi Blu) (C-659/20, EU:C:2022:642, punt 64).

[68] Premessa 7 tad-Direttiva dwar l-għasafar kif ukoll is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (247/85, EU:C:1987:339, punt 9), tas-7 ta' Marzu 1996, Associazione Italiana per il WWF *et* (C-118/94, EU:C:1996:86, punt 20), tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et* (C-60/05, EU:C:2006:378, punt 24), u tat-2 ta' Marzu 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Ġestjoni u Prattika Tajba tal-Foresti) (C-432/21, EU:C:2023:139, punt 73).